A.L. 6 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR IT-TELEGRAFIJA MINGĦAJR FILI (KAP.49)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Telegrafija Mingħajr Fili (Ħlasijiet ta' Liċenza dwar Xandir)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija Mingħajr Fili, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Telegrafija Mingħajr Fili (Ħlasijiet ta' Liċenza dwar Xandir), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1962 dwar it-Telegrafija Mingħajr Fili (Ħlasijiet ta' Liċenza dwar Xandir), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jirrevoka r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali huwa b'dan revokat.

Jissostitwixxi l-Iskedi li jinsabu mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok l-Ewwel u t-Tieni Skedi li jinsabu mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA

Regolament 2

Drittijiet għal Ħruġ u Tiġdid ta' Liċenzi dwar Riċezzjoni ta' Xandir

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Tip ta' Liċenza	Deskrizzjoni ta' Liċenza	Dritt għal Ħruġ	Dritt għal Tiġdid
1. Liċenza dwar Riċezzjoni ta' Xandir (li ma tkunx għar-riċezzjoni ta' xandir bis-smiegħ biss) — Formula Ġenerali.	(a) Liċenza biex wieħed ikollu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu apparat dwar telegrafija mingħajr fili fil-fond speċifikat fil-liċenza safejn dak il-fond ikun okkupat mid-detentur tal-liċenza jew (skond il-każ) fil-vettura jew bastiment speċifikat fil-liċenza, u biex jintuża l-apparat għal skopijiet li tinkludi r-riċezzjoni ta' stampi viżwali bl-iswed u bl-abjad mibgħuta b'televiżjoni, (li ma tkunx liċenza li tawtorizza l-użu ta' apparat dwar telegrafija mingħajr fili għall-iskop tal-wiri ta' stampi viżwali riċevuti b'televiżjoni lil persuni li jħallsu dritt biex jaraw dak il-wiri):	Lm6	Lm6

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Tip ta' Liċenza	Deskrizzjoni ta' Liċenza	Dritt għal Ħruġ	Dritt għal Tiġdid
	Iżda fil-każ ta' reġistrazzjoni ta' riċevitur ta' televiżjoni bl-iswed u bl-abjad addizzjonali minn detentur ta' liċenza, għandu jitħallas darba biss, dritt ta' reġistrazzjoni ta' Lm5 dwar kull televiżjoni *portable* addizzjonali u ta' Lm10 dwar kull riċevitur tat-televiżjoni addizzjonali ieħor, li ma jkunx televiżjoni *portable*. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda "televiżjoni *portable*" tfisser apparat tat-televiżjoni li skond il-kostruzzjoni u l-piż tiegħu jkun maħsub biex jista' jinġarr faċilment u li jkollu tubu ta' l-istampa li ma jkunx ikbar minn 44 ċentimetru meta jitkejjel dijagonalment. (b) Liċenza biex wieħed ikollu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu apparat dwar telegrafija mingħajr fili fil-fond speċifikat fil-liċenza safejn dak il-fond ikun okkupat mid-detentur tal-liċenza jew (skond il-każ) fil-vettura jew bastiment speċifikat fil-liċenza, u biex jintuża l-apparat għal skopijiet ta' riċezzjoni ta' stampi viżwali bil-kulur mibgħuta b'televiżjoni, (li ma tkunx liċenza li tawtorizza l-użu ta' apparat dwar telegrafija mingħajr fili għall-iskop tal-wiri ta' stampi viżwali riċevuti b'televiżjoni lil persuni li jħallsu dritt biex jaraw dak il-wiri), għal kull sett tat-televiżjoni *portable*, li ma jkunx konness ma' terminal ta' riċezzjoni tat-televiżjoni bis-satellita, li jintuża esklużivament fi kmamar tas-sodda ta' lukandi	Lm3	Lm3
2. Liċenza dwar Apparat ta' Riċezzjoni f'Terminal ta' Satellita.	Liċenza biex wieħed ikollu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu apparat dwar telegrafija mingħajr fili u biex jintuża l-apparat għal skopijiet tar-riċezzjoni ta' stampi viżwali bl-iswed u bl-abjad u/jew bil-kulur mibgħuta b'televiżjoni permezz ta' stazzjonijiet spazjali, (li ma tkunx liċenza li tawtorizza l-użu ta' apparat dwar telegrafija mingħajr fili għall-iskop tal-wiri ta' stampi viżwali riċevuti b'televiżjoni permezz ta' stazzjonijiet spazjali lil persuni li jħallsu dritt biex jaraw dak il-wiri) —		

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Tip ta' Liċenza	Deskrizzjoni ta' Liċenza	Dritt għal Ħruġ	Dritt għal Tiġdid
	(a) għall-użu f'lukandi u kumplessi għal btala kif imfissra fit-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda li tinsab mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, uffiċji ta' gazzetti ta' kull jum u stazzjonijiet tar-radju u/jew tat-televiżjoni:—		
	(i) għal kull terminal ta' riċezzjoni tat-televiżjoni bis-satellita	Lm50	Lm50
	(ii) għal kull sett tat-televiżjoni *portable* li jkun konness ma' terminal ta' riċezzjoni tat-televiżjoni bis-satellita, irrispettivament minn jekk ikunx ukoll konness ma' sistema terrestri ta' riċezzjoni tat-televiżjoni jew li ma jkunx, li jintuża esklużivament fi kmamar tas-sodda ta' lukandi	Lm4	Lm4
	(iii) għal kull sett ieħor li jkun konness ma' terminal ta' riċezzjoni tat-televiżjoni bis-satellita, irrispettivament minn jekk ikunx ukoll konness ma' sistema terrestri ta' riċezzjoni tat-televiżjoni jew li ma jkunx	Lm15	Lm15
	(b) għall-użu ġewwa fondi oħrajn ..	Lm25	Lm25.".